MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 952/2007

**Med Crew Ltd (C 13484)**

**vs**

**Dr. Richard Sladden u P.L. Victor Bugeja bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Ilja Bacic**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li qalet illi:

1. Fil-28 ta` Ottubru, 2004 il-konvenut ikkonkluda kuntratt ta` mpjieg mas-socjeta` attrici fejn gie mpjegat bhala kaptan abbord l-MV Anna-Elisabeth ghal perjodu ta` tlett xhur liema kuntratt huwa anness u mmarkat Dok. AF1.

2. Skond it-termini tal-kuntratt is-socjeta` attrici kellha l-fakolta`1 li tittermina l-kuntratt wara xaghrejn jew alternativament li testendieh sa perjodu ta` erba` xhur.

3. Il-kuntratt tal-konvenut gie tterminat mis-socjeta` attrici fis-17 ta` Jannar, 2005 u li ghalhekk skond il-komputazzjoni tas-salarju dovut lill-konvenut ghax-xahar ta` Jannar, 2005 (anness u mmarkat Dok. AF2) il-konvenut kien intitolat ghall-ammont ta` paga ta` US$2631.83.

4. Jirrizulta pero` mill-*pay slip* mahrug mill-konvenut f`ismu stess (anness u mmarkat Dok. AF3) illi dan fil-fatt thallas l-ammont ta` US$5366.48 u li b`hekk kien hemm eccess ta` pagament ta` US$2734.65.

5. Jirrizulta mill-*Master Petty Cash Flow Reports* ta` Dicembru, 2004 u ta` Jannar, 2005 u l-*Med Crew Expenses Summary in US$* ta` Jannar, 2005 (annessi u mmarkati Dok. AF4 u Dok. AF5) illi kien hemm ammont ta` US$2872.58 nieqes mill-*Opening Cash Balance* ta` Jannar, 2005.

6. Jirrizulta ukoll illi s-socjeta` attrici ma ghandha l-ebda indikazzjoni tal-mod illi bih intuza l-ammont ta` US$ 13,215.00 indikat fid-Dokument AF5 bhala *Other Medcrew Expenses* u li ghalhekk dan l-ammont gie utilizzat mill-konvenut minghajr ma dan ta` l-ahhar ma ta` l-ebda akkont ta` dan id-dizborz lis-socjeta` attrici (dokument anness u mmarkat AF6).

7. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut ha flus li ma kienux dovuti lilu mill-fondi li kellu access ghalihom bhala kaptan tal-bastiment liema flus jammontaw ghal US$18,822.23 (tmintax il-elf, tmien mija u tnejn u ghoxrin dollaru Amerikan u tlieta u ghoxrin centezmu).

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta` rikorrenti hija l-kreditrici tal-konvenut fis-somma ta` US$18,822.23 (tmintax il-elf,

tmien mija u tnejn u ghoxrin dollaru Amerikan u tlieta u ghoxrin centezmu) ekwivalenti ghal cirka Lm5,900 (hames t`elef u disa` mitt liri Maltin) skond ir-rata tal-kambju tal-lum.

2. Tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas lis-socjeta` rikorrenti ta` din is-somma ta` US$18,822.23 (tmintax il-elf, tmien mija u tnejn u ghoxrin dollaru Amerikan u tlieta u ghoxrin centezmu) ekwivalenti ghal cirka Lm5,900 (hames t`elef u disa` mitt liri Maltin) skond ir-rata tal-kambju tal-lum.

3. Tordna lill-konvenut ihallas din is-somma ta` US$18,822.23 (tmintax il-elf, tmien mija u tnejn u ghoxrin dollaru Amerikan u tlieta u ghoxrin centezmu) lis-socjeta` rikorrenti ekwivalenti ghal cirka Lm5,900 (hames t`elef u disa` mitt liri Maltin) skond ir-rata tal-kambju tal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta` Jannar, 2005 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati fejn qalu illi:

1. Preliminarjament, l-esponent m`humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettall fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenut;

2. Ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-socjeta` attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizz tal-konvenut;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Peress illi l-Qorti tinsab sodisfatta li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma gustifikati. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi billi:

1. tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti hija kreditur tal-konvenut ghas-somma ta` €13,743.30 (ekwivalenti ghal Lm5900).

2. tilqa` t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas li s-socjeta` rikorrenti tas-somma ta` €13,743.30.

3. tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` €13,743.30 (ekwivalenti ghal Lm5900).

L-ispejjez tal-kawza u imghaxijiet mis-17 ta` Jannar, 2005 jithallsu mill-konvenut b`dana illi d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu provvisorjament mill-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------